MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Numru 16/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**

**vs**

**Emanuel Caruana**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Emanuel Caruana** bin Joseph u Mary *nee'* Grech, imwieled Qormi fit-18 ta' Novembru, 1955, residenti 148, Valley Road, Msida, u detentur tal-karta tal-identita numru 837755M;

Talli fis-6 ta' Lulju, 2005, u/jew fil-granet ta' qabel din id-data f'Hal Qormi bhala l-persuna li zammejt jew qbilt li zzomm xi animmal gieghelt lill-istess issofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-artikoli 8 (2) u 8 (3) tal-Att 25 ta' l-2001 dwar il-Harsien tal-Animmali;

Ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, zammejt sistemi ta’ zamma ta’ annimali li ma jistghux jigu manifatturati, jinzammu sabiex jinbieghu jew jigu konsenjati jew isir uzu minnhom xort’ohra, sakemm ma jkunux mibnija u mizmuma, u jharsu dawk il-facilitajiet minimi ghat-trattament u dan bi ksur tal-artikolu 16 tal-Att 25 ta’ 2001 dwar il-Harsien tal-Annimali;

Ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkosanzi zammejt, rabbejt jew issemmint majjali sew bhala propjetarju f’parti jew bhala li tajt ghajnuna ma kellekx licenzja ghal tali skop;

Ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkosanzi zammejt, rabbejt jew issemmint majjali f’xi post kemm-il darba dak il-post ma kellekx licenzja bhala razzett tsal-majjali ghal kull wiehed minn dawk l-ghanijiet specifici.

Ukoll talli fl-istess perjodu , lok u cirkostanzi zammejt majjali f’kwartieri mhux kif stipulat f’artikolu 3 ta’ l-Avviz Legali 259 tal-2003.

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex dan il-kaz ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Stante ammissjoni, l-kaz jirrizulta pruvat;

Rat l-artikoli 8 (2) (3), 16 u 45 XXV/2001, AL 259/2003,

Rat il-fedina penali tal-imputat u semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara illi l-majjali kollha inqattlu l-biccerija u li l-mohqrija ma kienetx tikkonsisti f’xi swat izda fil-fatt illi dawn il-majjali ma kienux qed jinzammu fi stat kif titlob il-ligi;

Tiddeciedi billi tenut kont tal-fatt illi l-hestjoni ta’ dan in-negozju huwa regolat b’mod strett sabiex ihares is-sahha

tal-bniedem fi zmien marda f'post wiehed tista' teqred industrija shiha u tkun ta' konsegwenza ghas-sahha tal-bniedem f'Malta u f'pajjizi vicin, tikkundanna lill-imputat ghal-hlas ta' multa ta' Lm1,000.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------